

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 23.5.2008
SEC(2008) 1901

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Jakkumpanja

I-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-kostruzzjoni

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

**{COM(2008) 311 finali}
{SEC(2008) 1900}**

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TA' L-ISTIMA TA' L-IMPATT

Bħala parti mill-politika dwar Regolamentazzjoni Aħjar il-Kummissjoni kienet qegħda timplimenta, Stima ta' l-Impatt ta' l-abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti ta' kostruzzjoni. Il-Bord ta' l-Istima ta' l-Impatt ta' l-opinjoni tiegħu fl-10.09.2007 dwar l-abbozz tat-test ta' din l-istima. Il-kummenti tal-Bord kienu kkunsidrati u inkorporati fl-Istima ta' l-Impatt li takkumpanja din il-proposta, imqasra hawn kif ġej:

It-tliet alternattivi tal-politika kkunsidrati f'dan il-kuntest kienu: Alternattiva 1 – L-ebda azzjoni ta' l-UE: l-ebda bidla; Alternattiva 2 - L-ebda leġiżlazzjoni; Alternattiva³ – Reviżjoni tal-CPD (Construction Products Directive).

ALTERNATTIVA 1 – L-EBDA AZZJONI TA' L-UE: L-EBDA BIDLA

L-alternattiva tal-linja bażi hi li CPD jkompli sseħħ bħalma jeżisti fil-preżent. Ir-reqwiziti tiegħu ma jkunux iċċarati jew simplifikati b'mod ieħor mill-bidliet relatati ma' l-evoluzzjoni naturali tal-leġiżlazzjoni fil-forma preżenti tagħha u għal-leġiżlazzjoni applikabbli għal dan il-qasam lil hinn mill-CPD.

Madankollu, f'tit mid-diverġenzi li jeżistu f'rekwiżiti nazzjonali u fl-ittestjar u ċ-ċertifikar fis-settur jistgħu jitnaqqsu permezz ta' mezzi li diġà ġew introdotti ta' koperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

Madankollu, l-analiżi profonda ta' din l-alternattiva turi li ħafna mill-problemi preżenti, bħat-tifsira mhix ċara tal-marka CE, l-istrateġiji differenti tal-marka CE (mandatorja, mhux mandatorja), il-komplessità tas-sistema, l-aċċettazzjoni insuffiċjenti tal-marka CE u l-proliferazzjoni ta' marki nazzjonali, se jkomplu jeżistu. Dan hu kkonfermat bl-aktar *data* reċenti dwar ilmenti u ksur tar-regolament foqasma diġà koperti minn speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati. B'hekk, il-CPD jkompli jfalli milli jilħaq l-għan tiegħu ta' ċirkolazzjoni ħielsa u ta' l-użu ta' prodotti tal-kostruzzjoni fis-Suq Intern.

ALTERNATTIVA 2 - L-EBDA LEĠIŻLAZZJONI

Din l-alternattiva timplika revoka tal-CPD mingħajr ebda sostitut, u ritorn għal rikonoxximent reċiproku filwaqt li tqis il-Qafas Legali l-Ġdid.

Fil-prattika s-Suq Intern ikun ibbażat esklużivament fuq il-prinċipju li prodott mqiegħed legalment fis-suq fi Stat Membru wieħed jista' jitqiegħed fis-suq fi Stat Membru ieħor, anki jekk il-prodott ma jkunx konformi b'mod sħiħ mar-regoli tekniċi ta' l-Istat Membru destinatariju, sakemm Stat Membru ma jkunx iġġustifika b'mod suffiċjenti raġunijiet għall-projbizzjoni tal-prodott fis-suq fit-territorju tiegħu.

COM(1999) 299 finali dwar it-titjib ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fil-kostruzzjoni identifikata tas-Suq Waħdieni fl-aqwa ħames setturi għal-ksur tar-regolament ta' rikonoxximent reċiproku, bejn l-1996 u l-1998, skond l-Artikolu²⁸ (Artikolu³⁰ ta' qabel) tat-Trattat. Saż-żmien tal-COM(2002) 419 finali, l-għadd ta' ksur ta' regolamenti fis-settur tal-kostruzzjoni żdied marġinalment matul il-perjodu ta' l-1998-2001 biex jikklassifika fl-aqwa erba' setturi ta' l-industrija. L-aktar *data* reċenti disponibbli

tikkonferma dawn ix-xejriet u turi li r-rikonoxximent reċiproku mhux biżżejjed biex jassigura t-tħaddim effiċjenti tas-suq intern għal prodotti ta' kostruzzjoni.

F'Mejju 2006, il-konsultazzjoni tal-parti interessata uriet li l-manifatturi jikkunsidraw kważi unanimament li r-rikonoxximent reċiproku ma jkunx jista' jikseb iċ-ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu ta' prodotti ta' kostruzzjoni fis-suq intern.

L-istudju estern, ikkuntrattat biex jipprepara l-Istima ta' l-Impatt tar-reviżjoni tal-CPD, analizza jekk l-alternattiva 'l-ebda leġiżlazzjoni' tindizzax il-problemi identifikati fir-rigward tal-CPD jew le. Kif wieħed jista' jobsor, kif imsemmi fid-diskussjoni ta' hawn fuq, il-konklużjoni kienet li din l-alternattiva ma tissodisfax l-għan ta' ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti ta' kostruzzjoni fis-Suq Intern.

ALTERNATTIVA³ – REVIŻJONI TAL-CPD: L-ALTERNATTIVA PPREFERUTA

Alternattiva³, li tirrevedi l-leġiżlazzjoni Komunitarja, hija l-alternattiva preferuta. Tikkonsisti f'pakkett li jirrifletti n-neċessità eżistenti u għandha l-aktar punti fl-Istima ta' l-Impatt. Din hi l-unika waħda li tikkorrispondi b'mod sħiħ għall-kwistjonijiet u l-problemi li jeħtieġu azzjoni kif ukoll għar-riżultati tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati f'dan ir-rigward. Din tindirizza l-protagonisti ewlenini tal-problema identifikata bl-aħjar mod u tippermetti l-aħjar titjib possibbli fir-rigward ta' dawk li huma affettwati. Din tissalvagwardja wkoll l-*acquis* ġenerali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti skond il-CPD preżenti. Finalment din tirrispetta b'mod strett is-sussidjarjetà bbilanċjata miksuba fil-qasam tal-kostruzzjoni, jiġifieri, l-Istati Membri huma kompetenti għar-regoli ta' disinn u l-bini tax-xogħolijiet, filwaqt li l-leġiżlazzjoni ta' l-UE tassigura s-Suq Intern għall-prodotti użati f'xogħolijiet bħal dawn.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Istima ta' l-Impatt tirrakkomanda li tintagħżel l-Alternattiva³ bħala l-bażi ta' l-azzjonijiet futuri.

Il-bidliet ewlenin għas-sitwazzjoni preżenti prevista fir-Regolament tal-Prodotti tal-Kostruzzjoni (Construction Products Regulation, CPR) huma tlieta: Kjarifika tal-kontenut legali, simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi implimentati u l-infurzar tal-kredibilità tas-sistema.

- **Kjarifika:** Ir-Regolament propost fih definizzjonijiet ta' l-aktar kunċetti pertinenti fil-qasam tas-Suq Intern għal prodotti tal-kostruzzjoni. Barra dan, l-obbligi tal-manifatturi u ta' l-importaturi huma stabbiliti preċiżament. It-tifsira speċifika tal-marka CE għal prodotti ta' kostruzzjoni hi ddeterminata b'mod ċar. Il-marka CE, f'dan il-kuntest, tinvolvi d-dikjarazzjoni ta' informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-prestazzjoni tal-prodott u tfisser li din l-informazzjoni kienet miksuba wara d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għalhekk għandha tkun ikkunsidrata bħala eżatta u affidabbli.
- **Is-Simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv:** Billi tikkoinċidi ma' l-esperjenza miksuba permezz ta' l-applikazzjoni tal-CPD, il-proposta tinkludi għadd importanti ta' miżuri mmirati biex jissimplifikaw ir-rota tal-marka CE, billi jitnaqqas il-piż amministrattiv ta' intrapriżi u b'mod partikolari tal-mikro-intrapriżi. Proċeduri simplifikatti huma wkoll previsti għat-trattament ta' prodotti mmanifatturati individwalment. Barra dan, il-proċeduri biex jinħarġu l-Istimi Tekniċi Ewropej (European Technical Assessments, ETA) għandhom ikunu ssimplifikati u ċċarati.
- **It-Tisħiħ tal-kredibilità tas-sistema:** Il-proposta tintroduċi kriterji ġodda u aktar stretti għan-notifika ta' korpi li qed jagħmlu xogħolijiet tal-parti terza fil-proċess tal-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni. Barra minn

hekk, il-proposta fiha dispożizzjonijiet dwar sorveljanza fis-suq u proċedura ta' salvagwardja.